MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 686/2001/1

**France Zammit**

**vs**

**Godfrey Gialanze**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ elfejn, sitt mija u tlieta u disghin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm2693.29) dovuti minnu in konnessjoini ma’ xoghol ta’ demolizzjoni, tqattigh u thammil ta’ blat.

Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat biex ihallas baqa’ inadempjenti.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta' l-attur, il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghalhekk l-attur talab li l-kawza tigi deciza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma dovuta in konnessjoni ma xoghol ta' demolizzjoni u tqattigh u thammil ta' blat.

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Marzu 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi l-attur ma esegwiex l-appalt lilu moghti skond il-ftehim raggunt u inoltre ikkawza danni lill-konvenut li ghalihom l-esponenti qieghed izommu responsabbli u ghal dan il-ghan qed jipprevalixxi ruhu mill-presenti azzjoni sabiex jiccita lill-attur in via rikonvenzjonali ghall-istess danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn gie premess:-

1. Illi l-attur gie kommissjonat mill-konvenut sabiex jiddemolixxi parti mill-proprieta' tieghu in kwistjoni.

2. Illi l-attur flok ghamel hekk huwa waqqa' faccata ta' barra tad-dar li taghti fuq it-triq biex dahal bil-gaffa meta

fil-fatt din il-parti tal-faccata ma kelliex titwaqqa' u kellha tibqa' hemm u kellu biss jaghmel hofra/passagg zghir sabiex jista' jidhol bl-ingenji zghar u jesegwixxi l-inkarigu tieghu – kollox skond ma kien miftiehem fil-presenza tal-perit tal-konvenut, ghall-liema servizz intlahaq ftehim dwar prezzijiet li kienu ghola milli kieku titwaqqa' il-faccata.

3. Illi inoltre fil-kont tieghu l-attur qieghed jippretendi hlas ta' twaqqiegh ta' kamra li ma waqqax hu stante li kienet ta' periklu u ghazel li ma iwaqqaghhiex u minflok kien gie miftiehem li din tigi mwaqqa' minn haddiehor bl-idejn, u dan skond ftehim raggunt fuq il-post bejn il-partijiet, biex jassiguraw li ma taqax il-faccata.

4. Illi l-attur fl-esekuzzjoni tal-appalt tieghu kellu izomm il-gewwa mill-faccata distanza ta' cirka erba' piedi meta fil-fatt ma zammx din id-distanza u b'risultat ta' dan sfronda kollox u sahansitra anke sfrondat il-bankina u parti mit-triq.

5. Illi inoltre l-attur irrimwova il-meter tad-dawl meta fil-fatt lanqas ma kien inkarigat jaghmel dan, anzi kien istruit sabiex ma inehhi xejn mill-facilitajiet li kienet tgawdi l-imsemmija dar. Fil-fatt, se mai, kellu l-obbligu li jottjeni il-permess mill-awtoritajiet tal-Korporazzjoni tal-Enemalta, li ma ottjeniex.

6. Illi fil-kont tal-attur hemm ukoll inkluz servizzi li allegatament inghataw mill-awtoritajiet tal-pulizija fl-ammont ta' Lm40, piu' il-VAT, meta attwalment irrizulta li ma inghataw ebda servizzi mill-imsemmija awtoritajiet.

7. Illi inoltre ix-xogholijiet maghmula mill-attur kienu ta' natura sfacendata fis-sens li thalla hafna xoghol nofs triq u kellu jitlesta mill-esponenti, b'impjegati ohra, bi spejjes addizzjonali ghalih, u inoltre kellu jerga' itella' il-faccata li kienet giet imwaqqa'.

8. Illi dan l-agir tal-attur imur kontra l-obbligi tieghu kontrattwali u inoltre ikkawza danni lill-konvenut li ghalhom huwa responsabbli lejn il-konvenut.

9. Illi l-attur mitlub sabiex jersaq ghall-likwidazzjoini u hlas ta’ danni baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk il-konvenut talab in via rikonvenzjonali li jigi dikjarat li x-xoghol maghmul mill-attur ma giex maghmul skond ma titlob is-sengha u l-arti u mhux maghmul skond il-ftehim ta’ bejn il-partijiet u li l-istess xogholijiet esegwiti mill-attur ikkawzaw danni lill-konvenut li ghalihom l-attur huwa unikament responsabbli ai termini tal-ligi, li jigu likwidati id-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi u li l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenut dawk id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjes kontra l-attur li ukoll gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepit:-

Illi l-kontro-talbiet tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Illi ix-xoghol kollu esegwit mill-eccepjent sar skond is-sengha u l-arti u skond l-istruzzjonijiet tal-konvenut u/jew il-perit inkarigat minnu.

Illi mhux veru li l-eccepjent ikkaguna xi danni lill-konvenut, u f’kull kaz ma jistax jinzamm responsabbli tax-xoghol maghmul kif fuq inghad.

Illi ghalhekk l-ewwel u t-tieni kontro-talba huma infondati u konsegwentement it-tielet u r-raba talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda ukoll.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-attur.

Semghet lill-attur u lix-xhud prodott minnu.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Semghet lill-konvenut u lix-xieda minnu prodotti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u disghin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm2693.29) dovuti in konnessjoini ma' xoghol ta' demolizzjoni, tqattigh u thammil ta' blat. Fid-dikjarazzjoni l-attur jispecifika li x-xoghol in kwestjoni kien ezegwit fi Triq Saint Publius, San Pawl il-Bahar u li kien jikkonsisti fi tkissir bil-jack hammer ta' saqaf tal-konkos tal-washroom u twaqqiegh ta' hitan ta' l-istess washroom, twaqqiegh tal-faccata tal-post ta' taht il-washroom u thammil tal-materjal li hallew il-bennejja. Il-prezz tax-xoghol kollu kien ta' Lm630. L-attur ikompli jiddikjara li ghamel ukoll xoghol ta' thammil ta' tafal mill-wicc tal-madum sa sittax-il filata 'l isfel bil-prezz ta' Lm3 il-jarda u dan ix-xoghol gie jiswa Lm1672.29. L-attur iddikjara ukoll li huwa hallas Lm40 biex inkariga pulizija ghal erba' sighat kuljum ghal erba' darbiet biex setghet tinghalaq it-triq bir-rata' ta' LM2.50 is-siegha. Inoltre il-VAT relattiva fuq il-kont kollu kienet tammonta ghal Lm351 u b'kollox ghalhekk il-prezz totali kien jammonta ghal Lm2693.29.

Da parti tieghu l-konvenut qed isosarni li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi x-xogholijiet in kwestjoni ma gewx esegwiti skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet u inoltre li l-attur ikkawza danni u ghalhekk il-konvenut iccita lill-attur in via rikonvenzjonali ghal dawn id-danni.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jippremetti li l-attur gie inkarigat jiddemolixxi parti mill-proprieta' in kwistjoni u biex jaghmel dan kellu jaghmel hofra jew passagg zghir sabiex ikun jista jdahhal l-ingenji zghar tieghu u flok ma ghamel hekk l-attur waqqa' l-faccata meta din ma kelliex titwaqqa'. Dan kollu, inkluz il-prezzijiet u r-rati relattivi gie miftiehem fil-presenza tal-perit inkarigat mill-konvenut. Il-konvenut

ikompli jippremetti li l-attur qed jippretendi hlas ta' twaqqiegh ta' kamra li huwa ma waqqax stante li l-istess attur ghazel li ma jwaqqax u minflok kien gie miftiehem bejn il-partijiet li din il-kamra titwaqqa minn terzi bl-idejn u dan biex jigi assigurat li l-faccata ma taqax. Il-konvenut isostni ukoll li l-attur kellu jzomm distanza ta' circa erba' piedi l-gewwa mill-faccata. Fil-fatt l-attur ma zammx din id-distanza b'risultat li sfronda kollox inkluza l-bankina u parti mit-triq. Dejjem skond il-konvenut l-attur irrimwova l-meter tad-dawl meta ma kienx gie inkarigat jaghmel dan u inoltre l-attur ghamel dan ix-xoghol bla l-permess tal-awtoritajiet kompetenti. Il-konvenut jallega ukoll li fil-kont tal-attur hemm inkluzi prezz ta' servizzi (inkluza t-taxxa tal-VAT) meta l-istess servizzi ma nghatawx. Finalment il-konvenut jissottometti li x-xogholijiet in kwestjoni maghmula mill-attur thallew nofs triq u kellu jikkomplethom l-istess konvenut permezz ta' nies ohra bi spejjes addizzjonali ghall-istess konvenut u kella ukoll terga tittella l-faccata li giet imwaqqa'.

Skond il-konvenut dan kollu kkawzalu danni li ghalhom huwa responsabbli l-attur u kwindi l-konvenut qed jitlob in via rikonvenzjonali li jigi dikjarat li x-xoghol in kwestjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti u mhux maghmul skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet u li dan l-agir tal-attur ikkawza danni lill-konvenut. Qed jitlob li jigu likwidati dawn id-danni u konsegwentement li l-attur jigi kkundannat ihallas l-istess danni.

L-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut qed jeccepixxi li x-xoghol kollu in kwestjoni esegwit skond is-sengha u l-arti u skond l-istruzzjonijiet tal-konvenut jew tal-perit inkarigat minnu u li inoltre huwa ma kkawzax danni lill-konvenut. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur jirrileva li mhux minnu li waqqa l-faccata tad-dar, izda huwa l-ewwel waqqa' tnax-il pied mill-faccata u wara waqqa' bicca ohra u dan peress li bdiet iccedi arkata u sabiex jitnehha l-perikolu. Il-gebel li tnehha gie mpoggi fejn indika l-konvenut u cioe' fil-veranda u inoltre sar twaqqigh mill-konvenut stess. L-attur isostni li kien sar ftehim biex titwaqqa l-kamra imsemmija mill-konvenut u li x-xorok kellu johodhom l-attur. L-attur jallega li kienu xi haddiema ohra mqabbdin mill-konvenut li

qalghu ix-xorok biex johduhom u ukoll ikkagunaw xi hsara. L-attur isostni li hu mexa fuq id-distanzi li nghata u l-bankina sfrondat wara tlett xhur li kien lesta ix-xoghol u inoltre warajh kien hadem kuntrattur iehor. F'dan ir-rigward il-konvenut ippretenda li huwa jaghmillu xi xoghol li ma kienx kopert b'permess u huwa rrifjuta li jesegwixxi tali xoghol u konsegwentement il-konvenut inkariga kuntrattur iehor. Skond l-attur il-meter tad-dawl tnehha ghal ragunijiet ta' sigurta u hemm ricevuti ghar-rigward tas-servizzi li saru minn terzi. Lanqas ma hu minnu li huwa halla xohgol nofs triq.  Meta gie terminat ix-xoghol l-istess xoghol tkejjel u skond l-attur il-konvenut ikkomplimentah ghax-xoghol li kien ghamel.

**Fatti**

Il-konvenut inkariga lill-attur biex jaghmel xoghol ta demolizzjoni, tqattiegh u thammil ta' blat fi proprieta' tieghu li tinsab fi Triq St. Pubblius f'San Pawl il-Bahar. Il-ftehim relattiv sar bil-fomm mill-partijiet fil-presenza tat-Perit Edgar Rossignaud, li gie inkarigat mill-konvenut. L-attur isostni li huwa ghamel ukoll xoghol ta' thammil ta' tafal mill-wicc tal-madum u kellu ukoll jinkariga pulizija biex setghet tinghalaq it-triq. L-attur jippretendi li ghal dan kollu huwa ghad ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u disghin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm2693.29).

Fdin il-kawza iridu jigu trattati t-talbiet tal-attur kif ukoll it-talbiet fil-kontro-talba tal-konvenut u dan ovvjament fid-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija ghar-rigward tal-istess talbiet u kontro-talbiet. Ser jigu trattati l-ewwel it-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba. Il-konvenut basikament isostni li l-attur ma zammx mal-ftehim li kien hemm bejnithom u li l-istess attur ikkawzalu danni. Il-kontro-talba tal-konvenut hi bazata fuq il-konsiderazzjonijiet li gejjin.

L-ewwel, skond il-konvenut, sabiex l-attur seta idahhal u jahdem bl-ingenji zghar tieghu kellu jaghmel fetha zghira jew passagg zghir izda minflokk l-attur waqqa' l-faccata meta din ma kelliex titwaqqa'. L-attur jippretendi hlas ta' twaqqiegh ta' kamra li huwa fil-fatt ma waqqax stante li bi

ftehim bejn il-partijiet din twaqqat bl-idejn minn terzi. L-attur ma zammx id-distanzi miftiehma u b’hekk sfrondat il-bankina u parti mit-triq. L-attur irrimwova, bla permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-meter tad-dawl meta ma kienx gie inkarigat jaghmel dan. Skond il-konvenut fil-kont hemm inkluz prezz ta’ servizzi moghtija mill-Pulizija meta in effett dawn is-servizzi ma nghatawx. L-attur ma tterminax xi uhud mix-xogholijiet li kellu jaghmel u ghalhekk il-konvenut kellu jqabbad haddiema ohra bi spejjez ghalih u inoltre kella terga tittella l-faccata li giet imwaqqa’ mill-attur. In effett dawn is-sottomissjonijiet huma ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talbiet attrici u kwindi meta jigu decizi t-talbiet tal-konvenut prattikament fl-istess hin qed jigu decizi ukoll l-imsemmijha eccezzjonijiet.

Dwar il-fatt li giet demolita l-faccata l-attur jghid li waqt li kien qed isir ix-xoghol tat-twaqqiegh bdiet iccedi l-faccata u konsegwentement biex jigi evitat kull perikolu l-istess faccata kollha kella tigi demolita. L-attur, pero’, jammetti li skond il-ftehim il-faccata ma kellix titwaqqa’. L-attur ikompli jghid li minhabba li  kien hemm perikolu, kien il-Perit, inkarigat mill-konvenut, li fil-presenza tal-istess konvenut, ta istruzzjonijiet li l-faccata tigi demolita. Dan kollu gie konfermat mill-Perit li pero’ zied jghid li l-faccata kella tinhatt minhabba li l-bini kien antik kif ukoll minhabba tal-mod kif l-attur iddemolixxa l-faccata. In effett il-Perit ma kienx presenti fil-mument meta kien qed issir din id-demolizzjoni pero’ l-Perit zied jghid li ma setghax jeskludi li l-faccata kella tigi demolita minhabba ta’ kif saret il-fetha da parti tal-attur u cioe’ minhabba x-xoghol tal-attur. Kella ssir fetha zghira pero’ l-attur fetah aktar milli kien midtiehem u aktar milli jmissu fetah. Il-Qorti hi sodisfatta li il-faccat kella titwaqqa minhabba x-xoghol li ghamel l-attur meta fetah passagg iktar wiesa milli kellu jiftah sabiex ikun jista jghaddi bl-ingenji kbar tieghu. Jirrizulta ukoll li l-ftehim kien li l-attur kellu jiftah passagg zghir sabiex idahhal l-ingenji zghar tieghu biex jaghmel ix-xoghol ta’ demolizzjoni.

F’dan ir-rigward jista jinghad ukoll li il-Perit ikkonferma li l-konvenut ried izomm il-faccata kif kienet u ghalhekk il-

ftehim kien li ghat-twaqqieh kellhom jintuzaw ingenji zghar. Il-hnejja ma kelliex titwaqqa’ u l-attur kellu jwaqqa’ mill-faccata dak li kien strettament necessarju sabiex huwa jkun jista’ jidhol gewwa s-sit. Il-fetha li kellu jaghmel l-attur kienet, effettivament, il-boghod mill-hnejja jew l-arkata u ghalhekk il-hnejja mhux suppost li giet affetwata mix-xoghol li kellu jsir ghar rigward tal-istess fetha. Skond il-Perit l-imsemmija hnejja cediet lateralment u ghalhekk waqghet u dan billi l-fetha li saret kienet hafna ikbar mill-fetha kif kien ippjanat li ssir.

Dwar il-kamra li indika l-konvenut, skond l-attur, kien hemm ftehim fis-sens li l-istess attur jiehu ix-xorok. L-attur jghid li x-xorok pero’ ittiehdu minn haddiema ohra mqabbdin mill-konvenut u kienu dawn li fil-fatt qalghu l-istess xoroq u waqt li kienu qed jaghmlu hekk ikkagunaw hsarat. L-attur pero’ ma specifikax minn kienu dawn il-haddiema l-ohra u liema kienu l-hsarat ikkawzati minnhom.

L-attur isostni li hu mexa mad-distanzi kif moghtija lilu mill-Perit u li l-bankina u t-triq effettivament sfrundaw wara xhur li huwa kien spicca x-xoghol kollu li kellu jaghmel. L-attur zied jghid li wara li hu spicca dahal jahdem kuntrattur iehor. Fil-fatt, skond l-attur, kien il-Perit li tah istruzzjonijiet biex ihaffer bi dritt il-hajt. Dwar dan l-incident il-Perit ikkonferma li meta sfrundat it-triq u l-bankina ta’ quddiem il-bini in kwestjoni, ix-xoghol ta' tqattigh ta' blat kien lest kollu, u dan kemm ghar-rigward tax-xoghol li ghamel l-attur kif ukoll dak li sar mill-kuntrattur l-iehor. Il-Perit qal ukoll li x-xoghol li ghamel il-kuntrattur l-iehor kien iktar 'il boghod mit-triq minn fejn kien haddem l-attur. Il-Perit ikkonferma ukoll li hu ma tax istruzzjonijiet lill-attur biex iqatta’ mal-hajt izda tah struzzjonijiet biex iqatta' circa tlieta jew erba' piedi 'l boghod mill-hajt. Il-Perit ikkonferma li pero’ l-attur ma qaghadx ghal dawn l-istruzzjonijiet u fil-fatt qatta' ezatt mal-hajt. Kien ghalhekk li t-trieq sfrundat isostni l-Perit. Mid-deposizzjoni tal-Perit jirrizulta b’mod inekwivoku li t-triq sfrundat minhabba kif hadem l-attur u li l-kutrattur l-iehor ma kellu ebda tort f’dan l-incident. L-anqas ma tirrizulta ebda htija da parti tal-kuntrattur l-iehor minbabba ix-xoghol li ghamel in konnessjoni ma dak li gie

msejjah bhala l-estensjoni tal-progett u cioe' meta sar it-thaffir sabiex issir boat-house.

L-attur isostni li l-meter tad-dawl tnehha minhabba ragunijiet ta' sigruta. Da parti tieghu l-konvenut jghid li effettivament f'dan ir-rigward ma kien hemm ebda perikolu peress li l-wires kollha tnehhew minn mal-meter, li kien ukoll imdahhal u maghluq go kaxxa tal-injam. L-attur qed jippretendi li jithallas ta' hlkasijiet li ghamel hu in konnessjoni ma servizz moghti mill-Pulizija in konnessjoni ma l-gheluq tat-triq meta kien qed isir ix-xoghol in kwestjoni. Dwar dan jirrizulta biss li kien hemm permess mill-Pulizija biex it-triq tinghalaq f'diversi granet. L-attur ukoll naqas li jippresenta l-ircevuti relattivi nonostante li pprometta li jesibihom. Skond il-ftehim il-meter ma kellux jinqala. F'dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti jidhirla li l-attur ghandu jinzamm responsabbli ukoll ghat-tnehhija tal-imsemmi meter.

Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement li l-attur waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol in kwestjoni kkawza hsarat, li ghalihom hu unikament responsabbli u specifikament meta tnehha l-meter tad-dawl, meta giet demolita l-faccata u meta sfrondat it-triq u l-bankina. Inoltre l-attur ma pprovax li huwa hallas xi spejjez konnessi ma hlasijiet lill-Pulizija li huwa qed jirreklama. Hawnhekk irid jigi rimarkat li l-konvenut, da parti tieghu, ukoll naqas li jipprova l-kwantum tad-danni minnu reklamati nonostante li, f'dan ir-rigward, ipprometta li jesibixxi tali prospett. In konsegwenza ta' dan kollu l-kwantum tad-danni ser jigi likwidat "arbitrio boni viri" mill-Qorti. Fl-opinjoni tal-Qorti, fic-cirkostanzi kollha prevalenti, hu ekwu u gust li l-ammont pretiz mill-attur jitnaqqqas bin-nofs. F'dan ir-rigward qed jigi konsidrat li jidher li l-pretensjonijiet tal-konvenut ghad-danni gew sollevati biss wara li ntbaghat il-kont. Il-konvenut stqarr li minhabba li l-attur ma ghadx ghal kollox mal-ftehim u minhabba l-hsarat li kkawza l-attur huwa m'ghandux ihallas bir-rata li giet miftiehma finalmernt u cioe bit-Lm3 ghal kull yarda kubu. Inoltre jidher li x-xoghol kolllu ha ftit taz-zmien meta kien previst li x-xoghol isir bir-reqqa u bil-galbu cioe' bil-mod il-mod.

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet tal-konvenut kif dedotti fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu akkolti pero’ l-ammont tad-danni qed jigi likwidat mill-Qorti “arbitrio boni viri” bhala ammontanti ghal nofs is-somma li qed jitlob l-attur fic-citazzjoni. It-talba tal-attur ghandha tigi akkolta pero’ biss kwantu ghan-nofs tal-ammont li qed jintalab bl-imghgaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi

Billi, in via rikonvenzjonali, tilqa t-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut billi fl-ewwel lok tiddikjara li x-xoghol maghmul mill-attur in parte ma giex maghmul skond ma titlob is-sengha u l-arti, ma giex maghmul skond il-ftehim ta’ bejn il-partijiet u li dawn ix-xogholijiet ikkawzaw danni lill-konvenut li ghalihom l-attur huwa unikament responsabbli u dawn id-danni qed jigu likwidati “arbitrio boni viri” fis-somma ta elf tlett mija u sitta u erbghin liri maltin u erba u sittin centezmu (Lm1346.64) ekwivalenti ghal tlett elef mija u sitta u tletin euro u tlieta u tmenin centezmu (€3136.83) u din is-somma ghamndha tigi sottrata mill-ammont li l-attur jippretendi li ghandu jiehu minnghand il-konvenut.

Billi tilqa t-tabiet tal-attur pero’ limitatament ghal nofs l-ammont li qed jitlob l-istess attur u dan ghar-ragunijiet moghtija f’din is-sentenza u kwindi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf tlett mija u sitta u erbghin liri maltin u erba u sittin centezmu (Lm1346.64) ekwivalenti ghal tlett elef mija u sitta u tletin euro u tlieta u tmenin centezmu (€3136.83) u dan bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------